MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 73/2005/1

**Ronald Azzopardi**

**v.**

**Francis Bonello, Victoria mart Francis Bonello u b'digriet tal-15 ta' Lulju 2011 stante l-mewt ta' Victoria Bonello fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju f'isimha ġie trasfuż f'isem żewġha Francis Bonello bħala l-eredi tagħha u ghal kull interess illi jista` jkollha Mariella Azzopardi**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-attur Ronald Azzopardi li permezz tiegħu qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, fit-3 ta' Marzu 2009 fis-sens li:

"(a) tikkonferma s-sentenza appellata f' dawk il-partijiet fejn l-ewwel qorti ċaħdet l-ewwel tlett talbiet tal-esponenti u laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Bonello u caħdet ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti Bonello u laqgħet is-sitt talba tal-esponenti u ddikjarat li s-somma ta' €151,409.27 (l-ekwivalenti ta' Lm65,000) li tissemma' fid-dokument a fol 10 mhix dovuta lill-konjuġi Bonello;

"(b) tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti Bonello u caħdet ir-raba' u l-ħames talba tal-esponenti, kif ukoll dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-kap tal-ispejjeż; u

"(c) tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti Bonello u tilqa' r-raba' u l-ħames talbiet tal-esponenti billi (i) tiddikjara u tillikwida dawk l-ammonti dovuti mill-attur lill-konvenut bħala self fl-imsemmija skrittura preċedenti jikkomprendu fihom l-imgħax oltre t-tmienja fil-mija (8%) kif ukoll imgħax fuq imgħax kontra d-dispożizzjonijiet tal-liġi u cioe` imgħax li ma jistax jintalab mill-konvenut peress illi jmur oltre dak permissibbli mil-liġi, u (ii) konsegwentement għar-raba' talba, tirriduċi l-ammont indikat bħala dovut mill-atturi lill-konvenut fl-imsemmija kuntratti b' dak l-ammont li dina l-qorti tillikwida bħala rappreżentanti użura.

"Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti Bonello."

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti,

**"Mutwu - Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376).**

“Rat ic-citazzjoni prezentata fis-16 ta’ Awwissu 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta li:-

“F’diversi okkazzjonijiet il-konvenut silef lil attur Ronald Azzopardi ammonti ta’ flus kontra id-disposizzjonijiet tal-Att numru XXII tal-1994 ossia l-Att dwara l-Isituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376).

“Meta l-konvenut silef lill-attur huwa talab il-hlas ta’ imghax aktar minn tmienja fil-mija (8%) u cioe’ aktar min dak li seta’ kien permess mil-ligi kif ukoll imghax kontra d-disposizzjonijiet tal-ligi.

“Is-self li l-konvenut ghamel lill-attur sar kontra id-disposizzjonijiet tal-Kap. 376, u ghalhekk huwa null u bla effett stante li ghandu *causa* illecita.

“In konnessjoni mas-self fuq imsemmi l-attur ikkostitwixxa ruhu debitur tal-konvenut permezz ta’diversi skritturi fosthom skrittura privata tat-2 ta’ Lulju, 2004 bejn il-konvenut Francis Bonello proprio et nomine u l-attur Ronald Azzopardi proprio et nomine, liema skrittura giet iffirmata wara li l-konvenut kien ottjena il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru numru 121/2004 fl-ismjiet **"Francis Bonello et vs Ronald Azzopardi et"** liema mandat l-attur talab li jigi revokat permezz ta’ rikors (numru 20/2004).

“Peress illi minkejja li l-attur kien iffirma l-imsemmija skrittura, il-konvenut u l-attur dak in-nhar 2 ta’ Lulju, 2005 regghu iffirmaw skrittura ohra ta’ kostituzzjoni ta’ debitu ghal somma ulterjuri li qatt u f’ebda mument ma giet avvanzata mill-konvenut lill-attur, u dan sabiex il-konvenut ipprezenta kontro-mandat ghal Mandat ta’ sekwestru fuq imsemmi, u ghalhekk l-istess skrittura hija simulata u fi kwalunkwe kaz ottenuta bi vjolenza;

“Ghalhekk l-attur talab lil din il-Qorti;

“1. Tiddikjara illi silef lill-attur Ronald Azzopardi f’diversi okkazjonijiet kontra id-disposizzjonijiet tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“2. Tiddikjara illi b’dan is-self f’okkazjonijiet diversi ghamilt negozju ta’ istituzzjoni finanzjarja minghajr licenzja mehtieg skond il-ligi u dan kontra id-disposizzjonijiet tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“3. Tiddikjara ghalhekk illi l-imsemmi self kif rifless fl-iskrittura privata fuq tat-2 ta’ Lulju, 2004 hi nulla u bla effett stante li ghandha kawza illecita u ghalhekk hi nulla u bla effett l-istess skrittura.

“4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess f’kaz illi t-talbiet precedenti ma jigux milqugha, tiddikjara u tillikwida dawk l-ammonti dovuti mill-attur lill-konvenut bhala self fl-imsemmija skrittura precendenti jikkomprendu fihom imghax oltre fil-mija (8%) kif ukoll imghax fuq imghax fuq imghax kontra d-disposizzjonijiet tal-ligi u cioe’ imghax li ma jistax jintalab mill-konvenut peress illi jmur oltre dak permissibbli mill-ligi.

“5. Konsegwentement ghar-raba’ talba, tirriduci l-ammont indikat bhala dovut mill-atturi lill-konvenut fl-imsemmija kuntratti b’dak l-ammont li dina l-Qorti tillikwida bhala rapprezentati uzura.

“6. Tiddikjara kompletament nulla u bla effett l-iskrittura l-ohra bejn l-attur u l-konvenut datata 2 ta’ Lulju, 2004, prevja jekk hemm bzonn dikjarazzjoni li l-kunsens tal-attur kien ottenut bi vjolenza u fi kwalunkwe kaz li l-ammont imsemmi fiha qatt ma gie avvanzat mill-konvenut lill-attur u ma hemm ebda kawzali ohra sottostanti l-istess skrittura.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fid-9 ta’ Settembru 2005 (fol. 39) li permezz taghha l-konjugi Bonello eccepew:-

“1. Il-konvenut silef flus lill-attur validament u ghalhekk l-attur huwa debitur tal-konvenut u d-djun in kwistjoni huma dovuti.

“2. Illi dwar l-ewwel tlett talbiet jinghad illi dawn huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur u specifikatament, u jigi eccepit ulterjorment :-

“a. Illi l-konvenut Francis Bonello sellef flus lill-attur minhabba r-relazzjoni ta’ hbiberija li kellhom u mhux bhala negozju.

“b. Is-self maghmul lil Ronald Azzopardi huwa validu u effettiv ghall-finijiet u effetti kollha fil-ligi.

“c. Fi kwalsiasi kaz il-Kap. 376 tal-Ligijiet ta’ Malta ma tikkontemplax in-nullita’ ta’ self maghmul minghajr licenzja.

“d. Fi kwalsiasi kaz ma kien rikjest ebda licenzja ghas-self maghmul brevi manu lill-attur, liema self inghata mill-konvenut in *buona fede* fuq bazi personali.

“3. Illi dwar ir-raba’ talba attrici jigi eccepit li l-ammont dovut gie likwidat mill-attur stess meta dan ntrabat ripentutament u minghajr kundizzjonijiet li jirrifondi l-ammont in kwistjoni lill-konvenuti. Fi kwalsiasi kaz, u kompletament minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li ma hemm l-ebda uzura u fil-fatt ma tirrizulta ebda uzura mid-dokumentazzjoni kopjuza esibita mill-attur.

“4. Illi dwar is-sitt talba attrici din hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda u fi kwalsiasi kaz jeccepixxi :-

“a. L-iskrittura in kwistjoni hi valida.

“b. Ma ntuzat ebda vjolenza fil-konfront tal-attur u kien anzi l-istess attur li kien ripetutament jitlob lill-konvenut javanzalu flejjes.

“c. L-iskrittura hi prova taghha innifisha u ma hijiex impunjabbli.

“5. It-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

“Il-konvenuta Mariella Azzopardi, ghalkemm notifikata bic-citazzjoni u data tas-smiegh (ara verbal tas-seduta tas-7 ta’ Novembru 2007), baqghet kontumaci.

“Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati mill-attur u l-konjugi Bonello. Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-istess.

“Ikkunsidrat:-

“1. Permezz ta’ skrittura privata ffirmata fit-2 ta’ Lulju 2004 (fol. 8), l-attur (li kien qieghed jidher ukoll ghall-martu Mariella Azzopardi) iddikjara li hu debitur tal-konvenuti konjugi Bonello fl-ammont ta’ €512,462.15, ***“ammont lilu imsellef brevi manu mill-kreditur matul perjodu ta’ zmien sal-gurnata ta’ llum, u jintrabat illi jithallas lura dan l-ammont.”***. Fl-iskrittura gie pattwit ukoll il-modalita’ tal-pagamenti. Fuq l-iskrittura hemm ukoll il-firma ta’ l-avukat Dr Alfred Grech li kien qieghed jassisti lill-konvenut, u l-avukat Dr Joseph Grech li kien qieghed jassisti lill-attur. Jirrizulta li l-attur kien assistit ukoll mill-avukat Dr Alex Perici Calascione. Dakinhar stess l-attur u l-konvenut iffirmaw ukoll dikjarazzjoni (fol. 10), quddiem l-avukat Dr Alfred Grech li ffirmaha, li tghid li l-attur hu debitur tal-konvenut Bonello ghas-somma ta’ mija u wiehed u hamsin elf erbgha mija u disgha euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€151,409.27) u l-attur obbliga ruhu li jhallas dan l-ammont fi zmien sena.

“2. L-ewwel ilment ta’ l-attur (l-ewwel tlett talbiet) hu li s-self li sar mill-konvenut hu null ghaliex jikser id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376), u ghalhekk l-iskrittura privata li saret fit-2 ta’ Lulju 2004 (fol. 8) hi nulla ghaliex milquta minn kawza illecita. Dan l-att kien sar sabiex jirregola n-negozju ta’ istituzzjonijiet finanzjarji.

“Skond Artikolu 3(1):-

***"Ebda kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja ma' ghandu jsir f'Malta jew minn Malta hlief minn kumpannija li jkollha licenza moghtija taht dan l-Att mill-awtorita` kompetenti."***

"Istituzzjoni finanzjara hi definita bhala:

***" 'istituzzjoni finanzjarja' tfisser kull persuna li b'mod <u>regolari</u> jew <u>abitwali</u> tikseb holdings jew twettaq xi attivita` mnizzla fl-Iskeda akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attivita`…".***

"Definizzjoni li giet introdotta b'effett mill-1 ta' Ottubru 2002[1].

"Fl-ewwel lok il-qorti ma taqbilx ma' l-argument tal-konvenuti konjugi Bonello li self li jsir minn "istituzzjoni finanzjarja" li ma jkollix licenzja kif jitlob l-Artikolu 3(1), m'huwiex null ghaliex f'din il-ligi m'hemmx provvediment li jiddikjara null negozju simili. L-iskop ta' tal-ezistenza tad-disposizzjoni tal-ligi ma joffrix diffikulta. Hu evidenti li l-legislatur ried li kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja jkun regolat u jsir biss minn kumpannija li jkollha licenzja mahruga mill-awtorita' kompetenti. L-Artikolu 3(1) hu ta' ordni pubbliku, u hu projbit li jsir negozju minn istituzzjoni finanzjarja bi ksur ta' dan il-provvediment. Negozju li jsir kontra dan il-provvediment ikun ifisser attivita' illecita. Jekk jirrizulta li jkun hemm ksur ta' ligi ta' ordni pubbliku, il-qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghaliex b'hekk tkun qeghda tqis dan il-ksur bhala xi haga irrilevanti. Hadd ma jista' jinqeda bil-ligi sabiex ifittex rimedju meta jkun kiser il-ligi. Ghalhekk l-argument tal-konvenut ma jregix.

"Ghal fini ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 376, fl-ewwel lok irid jigi stabbilit jekk il-konjugi Bonello jaqghux fid-definizzjoni ta istituzzjoni finanzjarja. Sabiex persuna tikkwalifika bhala istituzzjoni finanzjarja trid taghmel l-atti elenkati fl-iskeda, b'mod **"regolari"** jew **"abitwali"**. Il-qorti hi tal-fehma li dawn iz-zewg kelmiet huma sinonimi ta'

[1] Att XVII ta' 2002.

xulxin, u jindikaw attivita’ persistenti u kostanti. Attivita’ li tista’ tghid tkun drawwa. Li persuna ssellef flus ma jfissirx b’daqshekk li awtomatikament taqa’ fid-definizzjoni ta’ istituzzjoni finanzjarja. M’hemmx dubju li l-legislatur halla fid-diskrezzjoni tal-qrati sabiex jiddeciedu jekk persuna tkunx qeghda taghmel attivita’ bhala istituzzjoni finanzjarja.

“Mill-provi rrizulta li l-konvenut Francis Bonello kien f’perjodu ta’ zmien sellef flus lill-attur. L-attur xehed li kien issellef flus minghand il-konvenut f’erbgha (4) okkazzjonijiet[2]:-

| | |
|---|---|
| 30/09/2001 | Lm60,000 |
| 10/10/2001 | Lm20,000 |
| 29/10/2001 | Lm5,000 |
| 29/02/2002 | Lm10,000 |

“Jekk wiehed kellu jemmen il-verzjoni tal-attur, il-qorti m’ghandix dubju li dan ma jfissirx self abitwali jew regolari. Fehma li tapplika wkoll jekk wiehed kellu jemmen il-verzjoni tal-konvenut (ara skeda a fol. 108). Dan iktar u iktar meta rrizulta mill-provi li dan is-self sar wara li nibtet hbiberija bejn l-attur u l-konvenut, u kemm l-attur u l-konvenut ikkonfermaw kemm kienu hbieb ta’ xulxin. Kien l-attur li kien jitlob l-ghajnuna finanzjarja tal-konvenut wara li sab ruhu f’diffikultajiet finanzjarji.

“Inoltre, skond l-attur il-mutwu sar qabel l-1 ta’ Ottubru 2002, data meta dahlet fis-sehh id-definizzjoni attwali ta’ “istituzzjoni finanzjarja”. Qabel id-definizzjoni kienet taqra:-

***“ ‘istituzzjoni finanzjarja’ tfisser kull persuna li x-xoghol regolari jew kummerc regolari taghha huwa li twettaq: (a) xi wahda mill-attivitajiet elenkati fl-Iskeda li tinsab ma’ dan l-Att, (b) kull attivita` ohra hekk stabbilita mill-Ministru b’ordni publikat fil-Gazzetta li jemenda l-Iskeda li tinsab ma’ dan l-Att, akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dak il-kummerc…”***

[2] Seduta tal-1 ta’ Marzu 2007 (fol. 75).

"M'hemmx dubju li mill-provi ma jirrizultax li fid-dati fuq imsemmija x-xoghol jew kummerc regolari tal-konvenut kien li jsellef il-flus lin-nies. Il-mutwu li sar qabel l-emenda tal-1 ta' Ottubru 2002 ghandu jkun regolat mil-ligi kif kienet qabel dakinhar, in kwantu f'dan il-procediment qieghed jigi mpunjat il-validita' tal-mutwu fuq il-bazi li sar ftehim projbit mil-ligi. Ghalkemm l-iskrittura u dikjarazzjoni gew iffirmati fit-2 ta' Lulju 2004, is-self kien sar qabel dakinhar. Ma jistax ikun hemm xi dubju li fiz-zmien meta sar il-mutwu li l-attur m'huwiex jikkontesta, ma jirrizultax li l-konvenut kien isellef il-flus bhala *"x-xoghol regolari jew kummerc regolari"* tieghu. Il-fehma tal-qorti li fir-rigward tas-self li sar qabel l-1 ta' Ottubru 2002, il-materja kellha tibqa' regolata kif kienet il-ligi qabel l-emendi in kwantu ghal finijiet ta' validita' tal-mutwu t-terminu rilevanti hu meta nholoq il-vinkolu kuntrattwali bl-*idem placitum consensus*.

"3. L-ilmenti l-ohra tal-attur huma s-segwenti:-

"(a) Fl-ammont dikjarat fl-iskrittura li giet iffirmata fit-2 ta' Lulju 2004 (fol. 8) hemm l-uzura u komputazzjoni ta' mghax fuq imghax;

"(b) Id-dikjarazzjoni l-ohra ffirmata fit-2 ta' Lulju 2004 hi nulla, minhabba li l-kunsens ta' l-attur gie dikjarat bi vjolenza u fi kwalunkwe kaz l-ammont qatt ma nghata lill-attur u m'hemmx l-ebda kawzali ohra ghal dak il-hlas.

"Skond l-Artikolu 986(2) tal-Kodici Civili:-

*"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1852 u ta' kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici jew ta' xi ligi ohra, kull obbligazzjoni ghall-hlas ta' mghaxijiet f'izjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla ghal dak li hu zejjed."*.

"L-Artikolu 1850 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"(1) Hu lecitu l-ftehim ghall-imghaxijiet fuq self, sew ta' flus kemm ta' merkanzija jew hwejjeg ohra mobbli.*

*"(2) Jistghu wkoll jitbiddlu f'kapital gdid, b'imghax, l-imghaxijiet maghluqa, basta li dawn l-imghaxijiet ma jkollhomx jinghataw ghal zmien ta' anqas minn sena.*

*"(3) Kull ftehim iehor ta' mghax fuq imghax ma jiswiex."*.

"4. Hu minnu li l-principju generali hu li ***contra scriptum testimonium non feritur***, pero' dan ma jfissirx li dan il-principju m'huwiex soggett ghall-eccezzjonijiet. Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Morana vs Nutar Dr Joseph Spiteri et** tas-26 ta' Mejju 1952[3], il-Qorti ta' l-Appell osservat:-

*"Dina r-regola, osservata b'mod assolut fi zmien antik, gie ritenut li ghandha tigi mitigata (Vol.XXVII.i.870), billi kull kaz ghandu jigi ezaminat skond il-fattispecje tieghu (Vol.XXIX.ii.1090). Gie ritenut ukoll illi l-istess regola ma hijiex applikabbli f'dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni (Vol.XXIX.ii.1203); kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher illi l-kontraenti ghamlu kuntratt simulat biex jghattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu, u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt (Vol.XXX.i.603);"*.

"Kompliet tghid:-

*"Illi r-regola 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' mhix assoluta, u ssofri eccezzjoni f'certi kazi, kif gie mfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Marzu 1951 in re "Blackman vs Apap Bologna". Il-principji li jirregolaw din il-materja skond il-gurisprudenza l-aktar ricenti huma dawn li gejjin :*

*"1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f'dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew*

[3] Volum: XXXVI.i.119.

*jiccaraw il-klawsoli principali (Appell 31 ta' Mejju 1943, in re "Farrugia vs Piscopo", Kollez.Vol.XXXI.i.627);*

*"2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu elucidati punti oskuri ta' kitba, jew f'kazi ta' mpunjazzjoni ta' dik il-kitba, izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga' car (Appell 26 ta' Mejju 1941, in re "Attard vs Mamo", Kollez. Vol. XXXI.i.441);*

*"3. Ir-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi ppruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma' l-att (App.17 ta' Jannar 1917, in re "Muscat vs Fiteni", Kollez. Vol. XXIII.i.780; Prim'Awla 27 ta' Jannar 1937 in re "Mifsud vs Mifsud", Kollez. XXIX.ii.1203; u Appell 20 ta' Jannar 1930 in re "Rizzo vs Anastasi");*

*"4. Il-principju 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali: F'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita' ghandhom ikunu supreme (Appell 15 ta' Dicembru 1947 in re "Mercieca vs Pace", Kollez. Vol. XXXIII.i.603);".*

"Hekk per ezempju rajna kif l-uzura tmur kontra l-ligi, irrispettivament jekk il-ftehim li sehh bejn il-kontendenti jikkwalifkax bhala transazzjoni; kif osservat il-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fil-kawza **Farrugia vs Direttur tas-Sigurta` Socjali**, deciza fid-19 ta' Ottubru 2005, *"Il-konvenzjoni affetta b'uzura hija, ghal dak li jirrigwarda l-uzura, nulla b'mod assolut, jigifieri inezistenti, billi illecita ghaliex projbita mil-ligi, u hija llecita fil-konfront tal-mutwant."*.

"5. Jibda biex jinghad li ghalkemm meta saret l-iskrittura privata tat-2 ta' Lulju 2004 il-partijiet kienu assistiti minn avukati ta' fiducja taghhom, ma jfissirx li l-kontenut tal-ftehim m'huwiex sindikabbli. M'hemmx dubju

li l-kunsens hu tal-parti u mhux ta' l-avukat, u parti tista' tasal biex tiffirma skrittura minkejja li tkun inghatat parir differenti. Ma jirrizultax li l-avukati kienu f'xi stadju nvoluti f'ezercizzju ta' konteggi dwar l-ammont ta' flus realment dovut. F'dan il-kuntest rilevanti dak li qal l-avukat Dr Alfred Grech: *"Nistqarr li jiena kelli okkazjoni wkoll li nitkellem ma' l-Avukat Alex Perici Calascione dwar din il-kwistjoni u Dottor Perici Calascione stqarr mieghi li ma setax jifhem dat-tahwid kollu ta' ammonti. Darba jitkellmu fuq somma, darba jitkellmu fuq ohra. Jiena minn naha tieghi kont fl-istess pozizzjoni ta' Dottor Perici Calascione; ma kienx hemm x'taghmel."* (seduta tas-7 ta' Novembru 2007 - fol. 223).

"Mill-provi rrizulta li ghalkemm fl-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 (fol. 8) gie dikjarat li s-somma ta' Lm220,000 kienu flus moghtija b'self lill-attur u martu, fir-realta' dan m'huwiex minnu. Fil-fehma tal-qorti, permezz ta' din l-iskrittura sehhet transazzjoni; *"It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir."* (Artikolu 1718 tal-Kodici Civili). Irrizulta kif fis-26 ta' Gunju 2004 il-konvenuti konjugi Bonello kienu pprezentaw mandat ta' sekwestru (121/2004) kontra Ronald u Mariella konjugi Azzopardi u l-kumpanniji Rylex Holdings Ltd, Fawstina Ltd, HD Holdings Ltd u Dona Lola Company Ltd ghas-somma ta' Lm280,000. Fit-30 ta' Gunju 2004 Ronald Azzopardi u l-imsemmija kumpanniji pprezentaw rikors ghar-revoka tal-mandat in kwantu Ronald Azzopardi kien qieghed jikkontesta li hu debitur fis-somma ta' Lm280,000 u jsostni li hemm l-uzura, u l-kumpanniji sekwestrati kienu qghdin isostnu li huma ghal kollox estraneji ghas-self. Fil-kors ta' dawk il-proceduri intlahaq ftehim bejn l-attur u l-konjugi Bonello, tant li dan wassal sabiex jithassar il-mandat kawtelatorju. M'huwiex kontestat li meta sar il-kuntratt tat-2 ta' Lulju 2004, kien hemm stat ta' dizgwid bejn il-kontendenti li kien diga' wassal ghall-proceduri gudizzjarji. Transazzjoni li saret bil-miktub, kif titlob il-ligi (Artikolu 1233 tal-Kodici Civili). Bhala kull kuntratt iehor, it-transazzjoni tehtieg ukoll il-kapacita' tal-partijiet, il-kunsens, l-oggett u l-kawza. Min-natura taghha transazzjoni hi negozju li bih il-partijiet

jaghtu lok sabiex tintemm kwistjoni li dwarha hemm kawza jew li tkun ser issir kawza, u dan billi **jaghtu koncessjonijiet reciproci**; *"Senza il **reciproco sacrificio**, che le parti accettano per eliminare il fastidio, le spese ed il rischio di un processo, non v'e' trasazione: se, per esempio, una delle parti rinuncia puramente e semplicemente al suo punto di vista ed accetta integralmente quello dell'altro, vi e' rinuncia a resistere o ad agire, ma non transazione, perche' questa si realizza solo quando vi siano concessioni reciproche, cioe' da entrambe le parti."* (*Manuale di Diritto Privato*, A. Torrente u P. Schlesinger (Giuffre' Editore, (2007) pagna 738)[4]. F'dan ir-rigward permezz ta' l-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004:-

"(a) L-attur kien qieghed jaccetta li hu debitur ghas-somma ta' Lm220,000 u ghalhekk mhux jikkontesta dak l-ammont, u suppost kien qieghed jipprovdi wkoll granzija ghall-hlas lura billi jaghti *"....pledge fuq l-ishma kollha tas-socjetajiet H.D. Holdings Limited, Fawstina Limited, Donna Lola Limited u Rylex Holdings, sal-ammont ta' hamsin elf Lira Maltin (Lm50,000) fuq socjeta."*. F'dan il-kuntest fit-2 kien gie ffirmat kuntratt iehor (fol. 237).

"(b) Il-konjugi Bonello kienu qeghdin jikkoncedu iktar zmien lill-attur sabiex ihallas u fl-istess hin jissospendu l-proceduri gudizzjarji sabiex l-attur ikun jista' jkompli jopera fin-negozju tant li hadu wkoll hsieb li jinhareg kontromandat fir-rigward tal-mandat ta' sekwestru, jikkoncedu li d-dejn jithallas lura b'rata ta' imghax inqas (6.5%) mill-ghola li tippermetti l-ligi, u fl-istess waqt jiddikjaraw li l-hlas ta' Lm220,000 kellu jsir ***"....a saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur Bonello kontra d-debitur Azzopardi."***.

"Mill-provi rrizulta kif parti mill-ammont jirreferi ghall-pagamenti li l-konvenut ghamel lil terzi ghan-nom tal-attur, u ammont sostanzjali jirreferi ghall-fond[5] li kumpannija ta'

---

[4] Ara **Michele Casha vs Edgar Naudi** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru 1950 (Volum XXXIV.ii.690).
[5] Kontendenti jirreferu ghalih bhala farmhouses.

l-attur (H D Holdings Limited) xtrat fl-14 ta’ Mejju 2002[6]. Skond ir-rendikont li pprezenta l-konvenut (fol. 108) il-kreditu (minghajr tnaqqis ta’ pagamenti li saru) jikkonsisti fis-segwenti:-

3/6/2000 - Lm1,850 – bejgh ta’ ghamara
27/8/2001 - Lm20,000 – self
28/9/2001 - Lm40,000 – self
29/9/2001 - Lm7,500 – imhallas lil Joseph Farrugia bhala depozitu fuq farmhouse li eventwalment xtrat kumpannija ta’ l-attur
11/10/2001 - Lm20,000 – self
14/5/2001 - Lm5,000 – self
31/12/2001 - Lm10,000 – self
3/4/2002 - Lm10,000 – self
14/5/2002 – Lm50,000 – kumpens fir-rigward tal-farmhouse
22/5/2002 – Lm340 – pagament lin-nutar Dr Paul G. Pisani ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ xiri tal-farmhouse
26/6/2002 – Lm4,400 – pagament li sar lil Paul Galea ghan-nom ta’ l-attur.
15/7/2002 – Lm3,000 – self
22/7/2002 – Lm6,000 – pagament li sar lill-persuna ingliza ghan-nom ta’ l-attur.
31/12/2002 – Lm11,000 – self
17/10/2003 – Lm3,421 – xoghol zejjed fil-farmhouse
31/12/2003 – Lm6,000 – self
4/2/2004 – Lm600 – self
14/2/2004 – Lm54,318 – ammont moghti lill-attur bejn 2002-2004 dwar farmhouse
14/2/2004 – Lm25,682 – materjal u xoghol maghmul fil-farmhouse

“**<u>TOTAL – Lm279,111.</u>**

“Il-qorti rat ukoll l-atti tar-rikors li permezz tieghu l-attur talab ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru numru: 121/2004 fl-ismijiet **Francis Bonello et vs Ronald Azzopardi et** mahrug fis-26 ta’ Gunju 2004. Peress li dawn huma atti

[6] Ara kuntratt a fol. 309.

tal-qorti u saret riferenza ghalihom fil-kors tal-gbir tal-provi u huma konnessi mal-meritu ta’ din il-kawza, il-qorti qieset li jkun opportun li tarahom. Il-mandat ta’ sekwestru kien ghas-somma ta’ mitejn u hamsa u tmenin elf lira Maltija (Lm285,000 - €663,871.42) (fol. 240). Fil-procediment ghar-revoka tal-mandat l-attur kien ripetutament iddikjara li kien debitur tal-konvenuti fl-ammont ta’ mitejn u ghoxrin elf lira Maltija (Lm220,000- €512,462)[7], u li kien qieghed jikkontesta l-bilanc ta’ hamsa u sittin elf lira Maltija (Lm65,000 - €151,409.27), cjoe’ d-dikjarazzjoni ffirmata wkoll fit-2 ta’ Lulju 2004.

“Il-qorti tqies li ma tistax tiskarta s-segwenti cirkostanzi:-

“- Il-fatt li fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2004 l-attur kien iddikjara li d-debitu hu ta’ Lm220,000. F’kull kaz ghalkemm illum l-attur qieghed isostni li dak iz-zmien kien ghadu m’ghamilx kalkoli u li *“Din is-somma hi ibbazata fuq dak li kien jghidli Francis Bonello.”* (fol. 55), il-qorti ma tifhimx kif l-attur kien qieghed jaccetta li hu debitur ghas-somma ta’ Lm220,000 u llum ighid li:-

i. *“l-ammont realment dovut” – Lm125,422.*
ii. *“Minn dan irid jitnaqqas” – Lm111,773.50*[8]*.*

“Id-diskrepanza tant hi kbira li ghall-qorti m’hijiex kredibbli, iktar u iktar meta wiehed iqies li kif fehemet il-qorti l-attur ilu zmien twil fin-negozju. Dan apparti l-fatt li fix-xhieda li ta fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2004[9], qal li *“**kif hdimtha**, massimu, massimu ta’ two hundred and twenty thousand.”* (enfazi tal-qorti). Il-fatt jibqa’ li ghalkemm l-attur ighid lli hu kien halla kollox f’idejn il-konvenut u li qatt ma kien zamm rendikont tax-xoghol li qieghed isir fil-farmhouses (fol. 56), xorta liberament iffirma l-kuntratt tat-2 ta’ Lulju 2004. Hu facli hafna ghall-attur li issa jghid li fit-2 ta’ Lulju 2004, *“....jiena kont ninsab fl-ghama minhabba l-posizzjoni li diga’ ddiskrivejt li sibt ruhi fiha.”* (fol. 81). Dan apparti l-fatt li min-naha tal-konvenut isostni li l-attur kien ukoll ghamel il-kalkoli tieghu (fol. 358) u l-qorti temmen li fir-realta’ l-

[7] Seduta tat-2 ta’ Lulju 2004.
[8] Ara nota ta’ sottomissjonijiet (fol. 389).
[9] Fl-atti tar-rikors numru: 20/2004 ghar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru 121/2004.

attur kien jaf x'inhu l-ammont ta' flus li kien dovut lill-konjugi Bonello. Inoltre, meta ssehh transazzjoni kwistjoni tkun qeghda tigi rizolta bl-iskop li wiehed jevita proceduri gudizzjarji fejn hemm l-istat ta incertezza. Kull parti tkun ippreferiet li tersaq ghall-kuntratt *".....in modo non del tutto soddisfacente per nessuna delle parti, ad un regolamento contrattuale* ***che rende inammissibile e irrilevante accertare chi avesse ragione o torto e quale fosse la reale situazione giuridica antecedente all'accordo transattivo****, ormai superata dal contratto concluso, che si pone quale fonte esclusiva della nuova disciplina dei rapporti ra le parti."*[10].

"- F'kull kaz, ghalkemm l-attur jikkontesta *entries* li jissemmew fir-rendikont imhejji mill-konvenut bhala flus avvanzati lill-attur jew imhallsin lil terzi ghan-nom tieghu, f'dan il-kuntest hemm biss il-kelma ta' wiehed kontra l-iehor. Pero' favur il-konvenut hemm l-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004.

"- Ghalkemm l-attur ta rendikont (fol. 62) ta' pagamenti ta' imghax li jghid li ghamel fil-perjodu bejn it-30 ta' Settembru 2001 sal-31 ta' Jannar 2004 ghas-somma komplessiva ta' Lm47,450, il-konvenut jikkontesta dan il-fatt. Anzi jghid li *"...kull meta hallasni xi flus Ronald Azzopardi dawn kienu bhala hlas akkont tal-kreditu li kelli u ma kinux parti mill-imghaxijiet."* (fol. 360). Iktar 'il quddiem iddikjara li: *"Nichad ukoll li Ronald Azzopardi tani c-cifra ta' sebgha u erbghin elf erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm47,450) bhala hlas ta' imghaxijiet."* (fol. 364). L-attur ma ressaq l-ebda prova dokumentarja ta' dawn il-pagamenti. Ghalkemm ricevuta m'hijiex essenzjali sabiex tinghata prova ta' pagament u hu maghruf li pagament jista' jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju[11], min-naha l-ohra l-verzjoni ta' l-attur ma gietx korraborata. Kien fl-interess ta' l-attur, irrispettivament mill-hbiberija li kienet tezisti mal-konvenuti, li jizgura li jinghata ricevuta tal-hlas jew li

[10] Ibid A. Torrente u P Schlesinger, pagna 736.
[11] **Emmanuele Bezzina vs Emmanuele Attard et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Frar 1959 (Volum XLIII.ii.624). Ara wkoll **Rosario Spiteri vs Michele Mifsud** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Ottubru 1953 (Volum XXXVII.i.525).

ghallinqas jizgura li l-pagamenti isiru permezz ta' cekk. Min-naha tieghu l-konvenut iddikjara li rcieva s-somma ta' Lm45,500 (fol. 108), li minnhom is-somma ta' Lm23,000 huma pagamenti relatati mal-farmhouses. Min-naha l-ohra l-attur isostni li fir-rigward tal-farmhouses hallas is-somma ta' Lm41,502.50 (ara dokument a fol. 63).

"Il-qorti kellha l-opportunita' tisma' lill-partijiet jaghtu xhieda *viva voce* u hi tal-fehma li meqjusa c-cirkostanzi l-attur ma rnexxielux jaghti prova li fl-iskritttura tat-2 ta' Lulju 2004 hemm uzura. Fir-rigward ta' kalkolu ta' imghax fuq imghax, fil-fehma tal-qorti ma kien hemm xejn hazin li dan isir fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 1850 tal-Kodici Civili. Rilevanti wkoll li jinghad li l-qorti trid tillimita ruhha ghall-ilment kif propost mill-attur fic-citazzjoni. Dan qieghed jinghad in kwantu f'din il-kawza l-attur m'huwiex jimpunja l-validita tal-iskrittura minhabba vizzju tal-kunsens jew fuq xi kawzali ohra.

"6. Ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni l-ohra tat-2 ta' Lulju 2004 ghas-somma ta' Lm65,000 u iffirmata fil-prezenza ta' l-avukat ta' fiducja ta' l-attur wara li bl-iskrittura ffirmata qabel kienet sehhet transazzjoni, m'hemmx dubju li din id-dikjarazzjoni (fol. 10) giet ukoll iffirmata liberament mill-attur. Kuntrarjament ghal dak li allega fic-citazzjoni, ma tressqet l-ebda prova li giet ezercitata xi vjolenza fuq l-attur sabiex iffirma din id-dikjarazzjoni. Wara li l-attur u l-konvenut iffirmaw l-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 (fol. 8), gara xi haga li wassalhom biex issir dikjarazzjoni ohra (fol. 10) li ffirmaw fil-presenza ta' l-avukat Dr Alfred Grech. Dan minkejja li permezz ta' l-iskrittura li kienu ffirmaw ftit qabel, il-kontendenti ddikjaraw li l-hlas ta' Lm220,000 kellu jsir a saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-konjugi Bonello kontra l-konjugi Azzopardi. F'dan il-kuntest il-konvenut qal li l-attur kien ried li fl-iskrittura privata ma tissemmix is-somma ta' Lm65,000 ghaliex ma riedx juri lil martu peress li ma kenitx taf b'din ic-cifra u kellu nkwiet matrimonjali (fol. 71). Pero' fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2007 xehed li l-attur ma riedx li tissemma peress li ma riedx juri lill-avukati tieghu li kellu jhallas ukoll dan l-ammont (fol. 227). Inoltre, meta xehed fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2007 qal li wara s-

seduta tal-qorti kienu (flimkien ma' l-avukati) marru jixorbu xi haga u li *"....**waqt li konna kollha mdawrin mal-mejda nixorbu xi haga wasalna fit-tranzazzjoni...... <u>Nikkonferma wkoll illi dak li jien qieghed nippretendi minghand Ronald Azzopardi hu bazat fuq dak illi ftehemna f'din il-laqgha</u>.** Ftehemna li l-ftehim verbali li kien ntlahaq kellu jsir bil-miktub. Ghalhekk wara morna fl-ufficcju tal-avukat Joseph Grech sabiex hemmhekk jinkiteb il-kuntratt. In-nies kollha li semmejt li kienu prezenti, bl-avukati allura, kienu wkoll prezenti fl-ufficcju ta' l-Avukat Joseph Grech."* (enfazi tal-qorti - fol. 356). M'hemmx dubju li f'din il-laqgha l-ftehim kien ghas-somma ta' Lm220,000. Din kienet it-transazzjoni u xejn iktar. Il-qorti hi moralment konvinta li wara li ffirmaw l-iskrittura privata tat-2 ta' Lulju 2004 gara xi haga li wassal sabiex tigi ffirmata d-dikjarazzjoni li biha l-attur ikkostitwixxa ruhu debitur tal-konvenuti konjugi Bonello ghas-somma ta' Lm65,000. Tant hu hekk li fl-iskrittura privata gie espressament dikjarat li s-somma ta' Lm220,000 kellha tithallas ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-konjugi Bonello. Inoltre, il-qorti ma tistax tonqos milli ssemmi kif f'din id-dikjarazzjoni li pprepara l-avukat ta' fiducja tal-konvenuti Bonello ma:-

"a. Saret l-ebda riferenza ghal ftehim ta' transazzjoni li kien ghadu kif gie ffirmat ftit hin qabel; u

"b. Tissemmix ir-raguni ghalfejn l-attur kien qieghed jikkostitwixxi ruhu debitur tal-konjugi Bonello ghas-somma ta' Lm65,000.

"Wara li l-qorti kellha l-opportunita' tisma' lill-kontendenti u tara wkoll l-atti, temmen li fir-realta' d-dikjarazzjoni li giet iffirmata fil-presenza ta' l-avukat Dr Alfred Grech ma kenitx qeghda tirreferi ghall-flus li nghataw lill-attur, jew pagamenti li saru ghan-nom ta' l-attur jew hlas relatat mal-farmhouses. Fir-rendikont imhejji mill-konvenut (fol. 108) hemm per ezempju nkluz is-somma ta' Lm50,000 deskritta bhala *"payable as compensation for farmhouse."*. Fl-affidavit li ghamel fil-proceduri ta' falliment, il-konvenut spjega kif kellu konvenju sabiex jixtri l-fond 152, Triq Marsalforn, Xaghra u li l-attur ***"Talabni ncedihielu***

***minhabba l-hbiberija li kellna. Pero qalli li kien jirrifondili l-ispejjez li kont gia ghamilt u li kien ser iqabbadni nirrangalu il-farmhouses u jhallasni tax-xogholijiet."*** (fol. 68). Spjega wkoll li fir-rigward tal-valur tax-xogholijiet *"....nfaqt madwar tmenin elf lira."* (fol. 68). Pero' meta xehed fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2008 qal li s-somma ta' Lm50,000 kienet *"...hlas ta' kumpens ghax-xoghol li ghamilt jiena."* (fol. 362), imbaghad kompla jghid li *"Ghalhekk il-hamsin elf lira Maltin (Lm50,000) huma compensation ta' kollox. Fihom hemm inkluz il-korrispettiv talli jiena cedejt il-konvenju lil Ronald Azzopardi."* (fol. 362). Jidher li l-konvenut kien nesa li pprezenta dokument fejn iddikjara b'riferenza ghar-rendikont a fol. 108: *"Farmhouse. The expense for the Farmhouse* ***including the services rendered*** *amount to Lm83,421....."* (enfazi tal-qorti - fol. 109). Fir-rendikont a fol. 108 din ic-cifra hi maqsuma fi tlett (3) *entries*: 17/10/2003 – Lm3,421; 14/2/2004 - Lm54,318; u 14/2/2004 – Lm25,682. Il-qorti mhi konvinta xejn mill-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2008 li tikkuntrasta ma' dak li qal fl-affidavit. Temmen li s-somma ta' Lm50,000 giet dikjarata minnu bhala kumpens ghall-farmhouse f'tentattiv sabiex jipprova jsib gustifikazzjoni ghal din ic-cifra u l-imghax kalkolat, u ghall-ebda raguni ohra. Dikjarazzjoni li ma tikkonvinci xejn lill-qorti, iktar u iktar meta l-konvenut stess jaccetta li fir-rigward tal-farmhouse kien irieva rigal ta' Lm10,010 mill-attur[12]. Il-qorti hi tal-fehma li l-attur iffirma din id-dikjarazzjoni mhux ghaliex fir-realta' dan l-ammont kien dovut, imma peress li f'dak l-istadju l-uniku nteress li kellu kien li minnufih jigi revokat il-mandat ta' sekwestru numru 121/2004 li kien qieghed johloqlu problemi ghall-ghoti ta' self mill-bank u fil-gestjoni ta' negozju iehor. Dr Alfred Grech stess ikkonferma li *".....l-mandat ta' sekwestru kien sallbu lil Azzopardi u l-idea dik li keient minn naha ta' Bonello ghaliex Bonello riedu li jsir xi haga.".* Qal ukoll, *"....ghalih* (ghall-attur) *l-importanti kien*

[12] Ara dokument a fol. 109 prezentat mill-konvenut fejn iddikjara: ***"Lm10010. RA has declared on oath that he gave this sum of money to FB as a rigal."***. Gialadarba l-attur qieghed jaccetta li ta din is-somma lill-konvenut bhala rigal ghall-farmhouse u m'huwiex jikkontesta l-validita dwar il-mod kif saret, il-qorti ma tifhimx kif l-attur qieghed issa jippretendi li din is-somma titnaqqas mis-self u pagamenti ohra li saru mill-konvenut ghan-nom tieghu u li l-attur ghandu l-obbligu li jirrifondi.

*illi l-kwistjoni ma' Bonello tigi rizolta, jigi ffirmat il-ftehim u jitnehhilu l-mandat ta' sekwestru* ***u dan peress li f'dan il-mandat ta' sekwestru kien gie mblukkat in-negozju tal-lukanda li ghandu Ronald Azzopardi****"* (enfazi tal-qorti - fol. 224). M'hemmx dubju li din kienet l-intenzjoni tal-konjugi Bonello meta fil-mandat ta' sekwestru nkludew bhala sekwestrati kumpanniji, u fir-realta' l-mandat kellu l-ezitu li riedu l-konvenuti Bonello. Wiehed jifhem li permezz tal-mandat l-attur kien tqieghed dahru mal-hajt in kwantu kien inhareg kontra kumpanniji li jidher li kienu joperaw il-lukandi Crown Hotel u Windsor Hotel u negozju iehor[13].

"Fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2008 il-konvenut xehed li kien semma din ic-cifra lill-attur meta kienu ltaqghu il-lukanda Crowne Hotel, pero' hu stramb kif **"nesa"** milli jsemmiha fl-affidavit li ghamel fil-proceduri ta' falliment fejn illimita ruhu biss biex isemmi s-somma ta' tmenin elf lira Maltija (Lm80,000) li ddeskriviha bhala l-valur ghax-xogholijiet li nefaq (fol. 68). Interessanti wkoll kif fid-dikjarazzjoni ffirmata fit-2 ta' Lulju 2004 (fol. 10) ma tissemmix ir-raguni ghalfejn l-attur kien qieghed jobbliga ruhu li jhallas is-somma ta' Lm65,000 u lanqas ma saret riferenza ghall-iskrittura privata ta' transazzjoni li kienet iffirmata ftit hin qabel. F'dan il-kuntest il-qorti temmen li ghalkemm l-attur iffirma din id-dikjarazzjoni, dan id-dejn kien fittizju u ghalhekk m'huwiex dovut lill-konvenuti konjugi Bonello. Ghalkemm jezistu dokumenti ohra fejn gie dikjarat per ezempju li l-attur hu debitur tal-konvenuti Bonello fl-ammont ta' Lm285,000 (ara per ezempju dokument a fol. 11), dan il-fatt ma jbiddel xejn mill-konkluzjoni li waslet ghaliha l-qorti.

"Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi ghar-ragunijiet fuq moghtija:-

"1. Tilqa' t-tieni eccezzjoni u tichad l-ewwel tlett talbiet.

---

[13] Fir-rikors li pprezenta fit-30 ta' Gunju 2004 gie premess: *"Illi tali kumpaniji fost l-ohrajn joperaw fost l-ohrajn The Crown Hotel St. Aristarcus Street, St. Paul's Bay, Malta, 'The Windsor Hotel' Windsor Terrace, Sliema, Malta kif ukoll 'O'Connor's Irish Pub & Restaurant' St. Aristarcus Street, St. Paul's Bay, Malta."*.

"2. Tilqa' t-tielet eccezzjoni u tichad ir-raba' u l-hames talba.

"3. Tichad ir-raba' eccezzjoni u tilqa' s-sitt talba u tiddikjara li s-somma ta' mija u wiehed u hamsin elf erbgha mija u disgha euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€151,409.27) li tissemma fid-dokument a fol. 10 m'hijiex dovuta lill-konvenuti konjugi Bonello.

"Spejjez relatati ma' l-ewwel hames talbiet huma a karigu tal-attur, filwaqt li spejjez relatati mas-sitt talba u mar-raba' eccezzjoni jaghmlu tajjeb ghalihom il-konvenuti Bonello."

**<u>Rikors tal-appell tal-attur Ronald Azzopardi</u>:**

**3.** L-attur appellant ħass ruħu aggravat b'dik il-parti tas-sentenza li biha l-ewwel Qorti laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut u <u>caħdet ir-raba' u l-ħames talbiet</u> tiegħu, kif ukoll b'dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-kap tal-ispejjeż.

**4.** Huwa jispjega li r-raba' u l-ħames talbiet tiegħu huma talbiet relattivi għal dikjarazzjoni dwar li fl-ammonti dikjarati li dovuti fl-iskritturi inkwistjoni kien hemm kompriż użura.

**5.** Jirrileva li kemm l-ewwel skrittura kif ukoll in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Bonello, dejjem jirreferu għall-kreditu tal-konvenuti Bonello bħala wieħed ta' self u qatt ma ssemma' li kien hemm kompriż xi kumpens għal servizzi oħra. Jgħid li kien biss waqt il-proċeduri li l-konvenut appellat, meta ra li kien sejjer ikun skopert li l-ammont ta' Lm50,000 kien effettivament ammont li jirrappreżenta użura, ħareġ bl-idea li dan kien kumpens għal servizzi reżi fir-rigward tal-*farmhouse*. L-appellant jagħmel aċċenn għall-fatt li l-ewwel Qorti kienet stqarret li ma kienet konvinta xejn dwar dan. Huwa jsostni li l-istess jista' jingħad għall-ammont ta' Lm31,000 (it-total kumplessiv ta' tlett ammonti li skont ir-rendikont ippreżentat mill-konvenuti appellati kienu mgħoddija lilu bħala self fil-31 ta' Diċembru 2001, 31 ta' Diċembru 2002 u 31 ta' Diċembru 2003).

**6.** L-appellant jirrileva wkoll li mod ieħor kif l-appellat ipprova jgħatti l-użura kien billi allega fl-i*statement* tiegħu li kien dovut ħlas ta' Lm54,318 għal xogħlijiet fil-*farmhouses* (oltre dawk il-Lm50,000). Dwar dan l-appellant jispjega li huwa kien diġa` ħallas Lm41,502 minn dan l-ammont kif jidher minn Dok X.
**7.** L-appellant jinsisti li l-ammonti ta' Lm50,000, Lm31,000 u Lm54,318 ma huma xejn ħlief *"escamotage"* mogħti mill-appellant Bonello biex jipprova jiġġustifika l-ammont ta' Lm135,318 (ekwivalenti għal €315,206). Huwa jissottometti li filwaqt li l-ewwel Qorti irrikonoxxiet li Lm50,000 ma kienux spjegabbli mill-konvenut appellat, hija ma għamlet l-ebda kumment fuq l-ammonti l-oħra. Huwa jsostni li l-ftehim jinkorpora użura u dak l-ammont li jirrappreżenta l-użura għandu jiġi mnaqqas mill-ammont li jista' jkun dovut.

**8.** L-appellant jispjega li dawn il-proċeduri odjerni quddiem l-ewwel Qorti ġew istitwiti minħabba li l-appellat Bonello beda proċeduri ta' falliment kontrih. Jispjega li dawn il-proċeduri kienu meħtieġa biex jiddefendi ruħu f'dawk il-proċeduri. Għaldaqstant jidhirlu li l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-istess appellat.

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenuti appellati Francis u Victoria Bonello</u>:**

**9.** Il-konvenuti appellati wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija sostanzjalment ġusta u timmerita konferma minn din il-Qorti.

**10.** Huma jargumentaw li l-appell odjern huwa bbażat fuq konsiderazzjonijiet purament ta' fatt li diġa` ġew espressament ikkunsidrati mill-ewwel Qorti. Jaċċennaw għall-fatt li l-ġudikant sema' huwa stess ix-xhieda kollha *viva voce* u huwa għarbel dettaljatament il-provi kollha li tressqu quddiemu. Huma jsostnu li l-ewwel Qorti waslet korrettement għall-konklużjoni li l-iskrittura inkwistjoni kienet "transazzjoni" ta' pendenzi bejn il-partijiet u li għalkemm mhux interament kompost minn self, l-ammont pattwit kien realment dovut mill-appellant lilhom.

**11.** L-appellati jinsistu li t-transazzjoni kienet *"in full and final settlement"* u li l-appellant ma jistax jippretendi li jerġa' jiddiskuti ammont minnu preċedentement ikkonfermat bil-ġurament u aċċettat fuq it-transazzjoni msemmija.

**12.** Jaċċennaw ukoll għall-fatt li l-ewwel Qorti espressament ikkunsidrat l-ilmenti dwar l-allegata użura u l-imgħax kompost u waslet għall-konkluzjoni li dawn l-allegazzjonijiet ma jirriżultawx, u għalhekk dan l-appell ma jqajjem l-ebda punt li ma ġiex diġa` imqajjem u dibattut fis-sentenza appellata.

**13.** Dwar il-kap tal-ispejjeż, l-appellati jissottomettu li l-appellant ma wera l-ebda raġuni tajba għaliex din il-Qorti għandha tvarja d-deċiżjoni tagħha dwar l-ispejjeż.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**:

**14.** Din il-kawża tirrigwarda żewġ skritturi privati li ġew iffirmati fit-2 ta' Lulju 2004:
"(1) L-ewwel skrittura privata (fol 8, Dok A) ġiet iffirmata minn Francis Bonello (l-attur appellant) f'ismu u f'isem martu u minn Ronald Azzopardi, f' ismu u f' isem martu (il-konvenuti appellati). Permezz ta' din l-iskrittura Ronald Azzopardi iddikjara li huwa debitur tal-konjuġi Bonello fl-ammont ta' Lm220,000 (l-ekwivalenti ta' €512,462.15) u li dan l-ammont jirrappreżenta ammont lilu msellef *brevi manu*. Ġie spjegat kif kellhom isiru l-pagamenti u ġie dikjarat li l-imgħax kellu jkun ta' 6.5%. Fuq din l-iskrittura jidhru l-firem tal-avukati taż-żewġ partijiet, u cioe` Dr Alfred Grech (id-difensur ta' Bonello), u Dr Joseph Grech (id-difensur ta' Azzopardi). Jirriżulta mill-provi li din saret ftit sigħat wara li l-attur appellant, Francis Bonello, xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tal-proċeduri għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru 20/2004 fl-ismijiet Francis Bonello vs Ronald Azzopardi li kien inħareġ kontrih fis-26 ta' Ġunju 2004.

"(2) It-tieni skrittura privata li ġġib l-istess data (fol 10, Dok B) ġiet iffirmata minn Francis Bonello u minn Ronald

Azzopardi f' isimhom proprju u fiha Ronald Azzopardi ddikjara li huwa debitur favur Francis Bonello fl-ammont ta' Lm65,000 (l-ekwivalenti ta' €151,409.27). Ma ġiex indikat x' tirrapreżenta din is-somma. Ġie dikjarat li kellha titħallas lura fi żmien sena b' imgħax ta' 6.5%. Fuq din l-iskrittura, barra l-firem tal-partijiet tidher il-firma tal-avukat Dr Alfred Grech, id-difensur ta' Bonello. Jirriżulta mill-atti li għalkemm din l-iskrittura ġiet redatta fl-istess ġurata li saret l-oħra, kien hemm trapass ta' xi sigħat bejn waħda u l-oħra, fil-fatt l-avukati li kienu preżenti meta ġiet iffirmata l-oħra kienu diġa telqu, għaliex meta ddeċidew li jagħmlu din it-tieni skrittura l-partijiet marru flimkien għand Dr Alfred Grech.

**Ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet:**

**15.** L-attur fir-raba' talba tiegħu talab li jiġi dikjarat li l-ammont dovut minnu bħala self (cioe` l-ammont ta' Lm220,000) jikkomprendi imgħax ta' aktar minn dak permess mil-liġi ta' 8% kif ukoll imgħax fuq imgħax li jmur oltre dak permess mil-liġi. Konsegwentement għar-raba' talba, fil-ħames talba tiegħu talab li l-ammont dovut jiġi ridott b'dak l-ammont li l-ewwel Qorti tikkunsidra użura. L-ewwel Qorti caħdet dawn ir-raba' u l-ħames talbiet għaliex fil-fehma tagħha l-attur ma rnexxilux jagħti prova li fl-iskrittura inkwistjoni kien hemm użura. Hija rriteniet li għalkemm fl-iskrittura ġie dikjarat li s-somma ta' Lm220,000 kienu flus mogħtija b'self, mill-provi jirriżulta li parti mill-ammont jirreferi għal pagamenti li l-konvenut appellat għamel lil terzi għan-nom tal-attur u parti oħra tirreferi għall-fond li l-kumpanija tal-attur appellant xtrat fl-14 ta' Mejju 2002. L-ewwel Qorti kienet sodisfatta li fir-realta` permezz tal-iskrittura seħħet transazzjoni.

**16.** L-attur fis-sitt talba tiegħu talab li "*l-iskrittura l-oħra*" tiġi dikjarata nulla prevja jekk hemm bżonn li l-kunsens tiegħu kien ġie ottjenut bi vjolenza u fi kwalunkwe każ peress li l-ammont imsemmi qatt ma ġie effettivament avvanżat mill-konvenut lill-attur. L-ewwel Qorti laqgħet din is-sitt t-talba għax dehrilha li l-ammont indikat fuq din l-iskrittura kien dejn fittizju u konsegwentement iddikjarat li s-somma ta' Lm65,000 (€151,409.27) mhix dovuta.

**17.** L-attur ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tar-raba’ u ħames talbiet tiegħu (u l-kap tal-ispejjeż).

Fir-rikors tal-appell tiegħu qabel ma jispjega eżattament għaliex iħossu aggravat bil-fatt li dawn iż-żewġ talbiet ġew miċħuda, huwa “jispjega” li “*dawn iż-żewġ talbiet huma relattivi għal dikjarazzjoni dwar li fl-ammonti dikjarati li dovuti fl-iskritturi in kwistjoni kien hemm kompriż l-użura*”. (sottolinejar tal-Qorti).

**18.** Din il-Qorti tosserva li dan mhux korrett peress li r-raba’ u l-ħames talbiet ma jirreferux għaż-żewġ skritturi tat-2 ta’ Lulju 2004 imma għal waħda minnhom biss, u cioe` l-ewwel skrittura. Ir-raba’ talba titkellem fuq l-ammonti dovuti bħala “*self fl-imsemmija skrittura preċedenti*”. Hija biss l-iskrittura li tirrigwarda d-debitu ta’ Lm220,000, l-ewwel skrittura, li titkellem fuq self, u għalhekk it-tieni skrittura (dik li tirrigwarda d-debitu ta’ Lm65,000) ma tifformax il-mertu tar-raba’ talba. Għalkemm fil-ħames talba l-attur appellant jitlob li l-ammont indikat “*fl-imsemmija kuntratti*” (i.e. plural u mhux singular) jiġi ridott, huwa speċifika li din il-ħames talba hija “*konsegwentement għar-raba’ talba*” u għalhekk it-talba biex jiġi ridott l-ammont b’dak l-ammont li l-Qorti tillikwida bħala rappreżentanti l-użura hija relattiva għall-ewwel skrittura biss u mhux għat-tnejn li huma.

**19.** Tant hu minnu li r-raba’ u l-ħames talbiet jirreferu għall-ewwel skrittura biss, (u cioe` dik li tirrigwarda d-debitu ta’ Lm220,000) li fis-sitt talba tiegħu l-attur talab li tiġi dikjarata nulla u bla effett “*l-iskrittura l-oħra*”.(sottolinejar tal-Qorti).

**20.** Fil-fatt kif diġa` ġie spjegat aktar ‘il fuq, l-ewwel Qorti korrettement ma ttrattatx ir-raba’ u l-ħames talbiet bħala relattivi għaż-żewġ skritturi iżda bħala relattivi għall-ewwel skrittura biss, u cioe` dik li tirrigwarda s-“self”. Hija ttrattat is-sitt talba bħala relattiva għat-tieni skrittura, dik li tirrigwarda l-Lm65,000.

**L-aggravju:**

**21.** Niġu issa għall-aggravju tal-attur appellant, li huwa wieħed ta’ natura fattwali aktar milli wieħed legali. Huwa jilmenta li kemm fl-ewwel skrittura kif ukoll fin-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Bonello, huma dejjem jirreferu għall-kreditu tagħhom bħala wieħed ta’ self, u qatt ma ssemma’ li dawn kienu jikkomprendu xi kumpens għal servizzi oħra. Għandu jingħad pero` li l-ewwel Qorti qatt ma qalet li l-ammont ta’ Lm220,000 imsemmija fl-ewwel skrittura jikkomprendi “kumpens”. Hija qalet li mill-provi jirriżulta li parti mill-ammont jirreferi għal pagamenti li l-konvenut appellat għamel lil terzi għan-nom tal-attur u ammont sostanzjali jirreferi għall-fond (*farmhouses*) li l-kumpanija tal-attur appellant xtrat fl-14 ta’ Mejju 2002. Spjegat kif fil-fehma tagħha permezz ta’ din l-iskrittura tat-2 ta’ Lulju 2004 effettivament seħħet transazzjoni u aċċennat għall-fatt li kien l-attur appellant innifsu fix-xhieda tiegħu fl-atti tar-rikors għar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet **Francis Bonello v. Ronald Azzopardi** (rikors numru 20/2004) li kkonferma diversi drabi li l-ammont li huwa għandu jagħti lill-konvenut appellat huwa ta’ Lm220,000.

**22.** Din il-Qorti eżaminat it-traskrizzjoni ta’ din ix-xhieda li ngħatat mill-attur appellant fl-imsemmija proċedura u fil-fatt qed tirriproduċi estratti minnha:

“*Dr Alfred Grech: Imma, għadek ma rrispondejtx, kemm hu l-ammont li tammetti li għandek tagħtih illum?*

***“Xhud: Jiena llum inġibu two hundred and twenty thousand.***
…
*“Maġistrat: Kemm taċċetta li għandek tagħtih?*

***“Xhud: Kif ħdimtha, massimu, massium ta’ two hundred and twenty thousand.***
…
*“Dr Alfred Grech: Aħna ma aħniex nitkellmu fuq rigali. Aħna qed nitkellmu fuq flus illi inti qed tammetti iswed fuq l-abjad li għandek tagħtih.*

***"<u>Xhud</u>: Two hundred and twenty thousand, maximum*.**
…
***"<u>Xhud</u>: L-ammont kollu dovut,…dovut li kien baqa', huwa ta' Francis Bonello, ta' between two hundred and two hundred and twenty thousand. Illum ngħid two hundred and twenty thousand. Ejja ħalli ma…"***

***"<u>Xhud</u>: Jiena qed nammetti s-somma ta' mitejn u għoxrin elf lira."***

**23.** Fil-fatt kien dakinhar stess[14] li l-attur appellant xehed fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2004 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru li ntlaħaq ftehim bejn il-partijiet u saret l-iskrittura fejn ġie espressament dikjarat li s-somma ta' Lm220,000 kellha titħallas <u>għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur Bonello kontra d-debitur Azzopardi</u>, u b'effett immedjat il-kreditur Bonello obbliga ruħu li jirtira l-mandati kawtelatorji minnu ppreżentati u li kienu *in vigore*.

**24.** Għalhekk bħala konferma tal-kreditu fl-ammont ta' Lm220,000 favur il-konvenut appellat hemm mhux biss l-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 bil-firma tal-attur appellant fuqha, iżda wkoll xhieda bil-ġurament tal-istess attur appellant ftit tal-ħin qabel ma nkitbet l-iskrittura nnifisha.

**25.** L-attur appellant pero` permezz tal-kawża odjerna jikkontesta dan l-ammont li ffirma għalih liberament u li kkonferma bil-ġurament huwa stess. Fl-affidavit tiegħu[15] b'referenza għax-xhieda li huwa kien ta fid-data li fih ir-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kien appuntat għas-smiegħ, huwa spjega li kien iddikjara din is-somma

---

[14] "*Dak in-nhar li kellna l-Qorti wara s-seduta niftakar illi flimkien mal-avukati jien u Frans Bonello morna nieklu xi ħaġa f' post fil-viċinanzi. L-avukati tkellmu bejniethom u jien u Frans Bonello tkellimna qisu xejn mhu xejn. Kien sar kliem fis-sens illi l-avukati jippruvaw isibu arranġament fejn issir pledge of shares min-naħa tiegħi. Dak in-nhar kien ġie ffirmat dokument, dan jinsab a fol 8, ta' skrittura privata illi rahan ta' ishma għas-somma ta' mitejn u għoxrin elf lira Maltin Lm(Lm220,000) …tas-sena elfejn u erbgħa (2004). L-iskrittura anzi hija kostituzzjoni ta' debitu għas-somma ta' mitejn u għoxrin elf lira (Lm220,000 u obbligazzjoni li ssir rahan fuq l-ishma tiegħi.*" Depożizzjoni tal-attur appellant, 1 ta' Marzu 2007

[15] Fol. 50-58, Dok K

ta’ Lm220,000 għaliex “*Din is-somma hija bbażata fuq dak li kien jgħidli Francis Bonello. Din is-somma dejjem kienet f’ moħħi għax dejjem hekk kien jgħidli Francis Bonello u jien naħlef li qatt ma dħalt fid-dettall tal-kontijiet u lanqas tax-xogħol li kien qed isir*.” Imbagħad fix-xhieda tiegħu tal-1 ta’ Marzu 2007 (fol. 81) huwa qal li “*kont ninsab fil-għama minħabba l-pożizzjoni li diġa ddiskrivejt li sibt ruħi fiha. Illum pero` għamilt il-kalkoli tiegħi, ġbart l-informazzjoni li kelli niġbor….*”

**26.** Din il-Qorti pero` hija tal-istess fehma bħall-ewwel Qorti, u cioe` li l-attur appellant, li ilu żmien twil fin-negozju, kien jaf ben tajjeb x’inhu l-ammont ta’ flus li kien dovut lill-konjuġi Bonello. Din il-verżjoni tal-attur appellant li huwa ma kienx għamel il-kalkoli tiegħu hija diffiċli biex titwemmen, speċjalment meta hawnhekk si tratta ta’ eluf kbar ta’ Liri Maltin. Fi kwalunkwe każ, l-attur appellant ikkonferma dan l-ammont liberament, kemm bil-firma tiegħu fuq l-iskrittura, kif ukoll bil-ġurament quddiem il-Qorti ftit sigħat qabel.

**27.** Anke kieku għall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha temmen li huwa verament kien għadu ma għamilx il-kalkoli tiegħu u ma ġabarx l-informazzjoni li kellu jiġbor, allura f’dak il-każ ma messux ikkonferma l-ammont bil-ġurament u wisq anqas ma messu poġġa l-firma tiegħu fuq l-iskrittura. Il-qrati mhumiex qegħdin biex jagħmlu tajjeb għall-iżbalji kkaġunati minn persuni li ma jeżerċitawx prudenza u diliġenza fl-affarijiet tagħhom. Huwa komportament kundannabbli għall-aħħar li proprju fil-ġurnata li persuna tkun mgħajta biex tidher il-Qorti sabiex jinstemgħu l-argumenti tagħha intiżi biex jikkonvinċu lill-Qorti biex twaqqa’ mandat ta’ sekwestru kontriha, din l-istess persuna ma tkunx indenjat ruħha tagħmel il-kalkoli relattivi, anke jekk tkun għaddejja minn problemi matrimonjali u minn problemi fir-rigward tan-negozju tagħha. Fl-affidavit tiegħu l-attur appellant jgħid li “*Kont nitlob diversi drabi lil Francis Bonello rendikont tax-xogħol kollu li sar fil-farmhouses u dan qatt ma tani xejn. L-ikbar żball li għamilt jien kien li ħallejt kollox f’ idejh u rendikont ma żammejt qatt*”. Anke kieku din il-Qorti kellha temmen din il-verżjoni tiegħu, dan l-aġir ma jeżonerahx mir-

responsabilita` għaliex il-liġi ma tipproteġix lil min jittraskura d-drittijiet tiegħu, "*Vigilantibus et non dormientibus jura subveniunt*".

**28.** Hija wkoll ħaġa kundannabbli għall-aħħar li wieħed jieħu ġurament b'mod daqshekk leġġer: fil-proċeduri tar-revoka tal-mandat ta' sekwestru l-attur appellant ikkonferma bil-ġurament li huwa effettivament kien għamel il-kalkoli tiegħu, "*<u>Kif ħdimtha</u>, massimu, massimu ta' two hundred and twenty thousand"* (sottolinejar tal-Qorti) u imbagħad qed jgħid li qatt ma daħal fid-dettall tal-kontijiet u qatt ma żamm rendikont tax-xogħlijiet.

**29.** Fir-rikors tal-appell tiegħu l-attur appellant jerġa' jagħmel tentattiv ieħor biex jikkontesta l-ammont ta' Lm220,000 billi jargumenta li kemm fl-ewwel skrittura kif ukoll fin-nota tal-eċċezzjonijiet dejjem irreferew għall-kreditu bħala wieħed ta' *"self"* u ma kienux jikkomprendu kumpens għal servizzi oħra. Kif rilevat fuq, l-ewwel Qorti ma qalitx li l-Lm220,000 kienu jikkomprendu kumpens għal servizzi oħra iżda qalet li kienu jirrappreżentaw mhux biss flus mislufin lill-attur appellant iżda wkoll pagamenti li l-konvenut appellat għamel lil terzi għan-nom tal-attur appellant u wkoll ħlasijiet fir-rigward tal-*farmhouses* tas-soċjeta` tal-attur appellant. Veru li fuq l-iskrittura jissemma' biss self "*brevi manu*" u fin-nota tal-eċċezzjonijiet jingħad li l-konvenut "*silef flus lill-attur*" iżda b'daqshekk ma jfissirx li d-differenza bejn l-Lm220,000 kif indikat fuq l-iskrittura u l-ammonti effettivament mislufin "*brevi manu*" lill-attur tirrappreżenta użura. L-attur appellant stess fl-affidavit tiegħu jirreferi għal xogħlijiet li kienu qed isiru fil-*farmhouses* u għalhekk jidher li kien hemm debitu f'dan ir-rigward ukoll. Fis-sottomissjonijiet tiegħu tat-30 ta' Ġunju 2008 ukoll jikkonferma li d-debitu li kellu favur il-konvenut appellant jikkonsisti mhux biss f'self iżda wkoll jirrigwarda spejjeż relatati mal-*farmhouses* u wkoll pagamenti magħmula lil terzi.

**30.** L-attur appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jaċċenna wkoll għall-fatt li kien biss waqt il-proċeduri li l-konvenut appellat ħareġ bl-idea li l-ammont ta' Lm50,000 kien kumpens għal servizzi reżi relattiv għall-*farmhouse*. Jgħid

hekk: "*Kif innutat l-ewwel Onorabbli Qorti il-konvenut Bonello lanqas kien konsistenti dwar dan u li "temmen li dan l-ammont ta' Lm50,000 ġie dikjarat minnu bħala kumpens għal farmhouse f' tentattiv biex jipprova jġib ġustifikazzjoni għal din iċ-ċifra u l-imgħax kalkolat, u għal ebda raġuni." Il-Qorti stqarret li ma kienet konvinta xejn minn dan."*

**31.** Ir-riferenza għall-ammont ta' Lm50,000 (li skont ir-rendikont li ppreżenta l-konvenut appellat jirrigwardaw "*kumpens fir-rigward tal-farmhouse*" tidher li saret pjuttost biex tiżvija lil din il-Qorti. Ladarba l-attur appellant jispeċifika li dan l-appell jirreferi biss għal dik il-parti tas-sentenza li biha l-ewwel Qorti caħdet ir-raba' u l-ħames talbiet (u wkoll fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż) ifisser li dan l-appell jirrigwarda biss l-ewwel skrittura, u cioe` dik dwar l-ammont ta' Lm220,000. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-ammont ta' Lm50,000 kienu biss fil-konfront tat-tieni skrittura, u cioe` fir-rigward tas-sitt talba, li ma tifformax il-mertu ta' dan l-appell. Għalhekk din il-Qorti mhix ser tieħu konjizzjoni ta' dan l-ilment tal-attur appellant.

**32.** L-attur jsemmi wkoll l-ammonti ta' Lm31,000 u Lm54,318 li huma indikati fir-rendikont esebit mill-konvenut appellat u jilmenta mill-fatt li filwaqt li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-Lm50,000 ma kienux spjegabbli mill-konvenut ma għamlet l-ebda kumment fuq l-ammonti l-oħra.

**33.** Dwar l-Lm31,000 (it-total ta' tlett entrati fl-ammont ta' Lm10,000, Lm15,000 u Lm6,000 rispettivament) l-attur jgħid hekk: *Illi l-istess jista' jingħad għall-ammonti li l-konvenut Bonello daħħal fl-istatement minnu eżebit biex jispjega kif wasal għall-kreditu pretiż minnu, u cioe` għal dawk l-ammonti li huwa kkunsidra bħala self li hu jallega li għadda fil-31 ta' Diċembru 2001, 31 ta' Diċembru 2002 u 31 ta' Diċembru 2003. L-ammont kumplessiv ta' dawn l-"entrati" huwa ta' Lm31,000. Jirriżulta ċar illi dawn huma sempliċiment inseriti biex jagħmlu tajjeb għal nuqqas ta' spjegazzjoni ta' kif wieħed jista' jiġġustifika l-ammont pretiż mill-konvenuti Bonello*."

**34.** Dwar l-Lm54,318 jgħid hekk: "*Mod ieħor kif il-konvenut ipprova jgħatti l-użu (sic) kien billi allega fl-istatement tiegħu illi kien dovut ħlas għal xogħlijiet fil-farmhouses (oltre dak fuq imsemmi ta' Lm50,000). Dawn il-konvenut Bonello qed jippretendi li huma Lm54,318. Iżda kif jidher minn Dok X Lm41,502 minn dan l-ammont kien ġja tħallas mill-esponenti.*" [16]

**35.** Jekk l-ewwel Qorti ma kkummentatx speċifikatament fuq dawn iż-żewġ ammonti[17] dan probabbli kien għas-sempliċi raġuni li hija fir-rigward tar-raba' u l-ħames talba (li huma t-talbiet li jiffurmaw il-mertu ta' dan l-appell) qagħdet fuq il-fatt li kien l-attur appellant stess li kkonferma diversi drabi bil-ġurament u anke permezz tal-firma tiegħu fuq l-ewwel skrittura li huwa kien debitur tal-konvenut appellat fis-somma ta' Lm220,000 u għalhekk jiġi li l-attur appellant stess ikkonferma parti kbira mill-bilanċ ta' Lm237,611 dovut skont rendikont tal-konvenut appellat.[18]

**36.** Fin-nota ta' sottomissjonjiet tiegħu tal-10 ta' Novembru 2011 ippreżentati fl-atti ta' dan l-appell, l-attur appellant, jikkontesta diversi entrati li ġew inklużi fir-rendikont esebit mill-konvenuti appellati. (fol 108). Kif spjegat l-ewwel Qorti fir-rigward dawn il-kontestazzjonijiet hemm biss il-kelma ta' wieħed kontra l-ieħor, pero` favur il-konvenut hemm l-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 (li kif diġa` ingħad, hija korroborata bix-xhieda bil-ġurament tal-istess attur).

**37.** Fl-istess nota ta' sottomissjonijiet tiegħu tal-10 ta' Novembru 2011 l-attur appellant fir-rigward ta' entrati

---

16 Dok X huwa fil-fatt rendikont ippreżentat mill-attur stess, fol 62-63.

17 Fil-fatt l-ewwel qorti kienet għamlet referenza għall-fatt li l-attur kien sostna li fir-rigward tal-farmhouses huwa kien hallas is-somma ta' Lm41,502, anke jekk ma kkummentatx dwar dan.

18 L-ammont dovut skont r-rendikont ippreżentat mill-konvenut appellat (mingħajr tnaqqis tal-pagamenti li saru u mingħajr imgħax) huwa ta' Lm283,111. Bit-tnaqqis tal-pagamenti ta' Lm45,500 li skont il-konvenut appellat saru mill-attur appellant, l-ammont dovut (mingħajr imgħax) huwa ta' Lm237,611.

relattivi għall-ammonti mislufa, jagħmel referenza għad-dokumenti Dok D sa Dok S esebiti minnu maċ-ċitazzjoni. Huwa jargumenta li dawn id-dokumenti, huma prova qawwija ta' użura u prova ta' kif jikkontradixxu r-rendikont esebit mill-konvenuti Bonello. Hekk per eżempju filwaqt li r-rendikont a fol. 108 jindika li fis-27 ta' Awwissu 2001 u fit-28 ta' Settembru 2001 il-konvenut appellat silef lill-attur appellant is-somom ta' Lm20,000 u Lm40,000 rispettivament, id-dokument relattiv immarkat Dok D datat 30 ta' Settembru 2001 jindika li sar self totali ta' Lm60,600 li kellu jitħallas sa żmien xahar mingħajr imgħax (dan jammonta għal rata ta' imgħax ta' 'l fuq minn 12.5%). Bl-istess mod, filwaqt li r-rendikont a fol. 108 jindika li fil-3 ta' April 2002 il-konvenut appellat silef lill-attur appellant is-somma ta' Lm10,000, id-dokument relattiv Dok K datat 31 ta' Marzu 2002 jindika li sar self totali ta' Lm11,000 li kellu jitħallas fi żmien xahrejn mingħajr imgħax (dan jammonta għal rata ta' imgħax ta' 60% fis-sena). L-attur appellant jispjega li sa Novembru 2002 il-prospett jindika debitu kapitali ta' Lm176,238 li huwa bil-wisq anqas miċ-ċifra ta' Lm198,200 imsemmija fid-Dok S datat 30 ta' Novembru 2002. Huwa jagħmel ukoll referenza għall-iskrittura Dok T, datata 6 ta' Novembru 2003, esebita wkoll minnu fiċ-ċitazzjoni fejn ġie indikat li huwa għandu jagħti s-somma ta' Lm200,000 lill-konvenut Francis Bonello, u din id-darba huwa speċifikat li d-debitu huwa bħala ħlas ta' żewġ *farmhouses* u mhux fir-rigward ta' flus mislufa. Huwa jargumenta li dan id-debitu ma jaqbel xejn ma' dak pretiż fil-prospett esebit a fol. 108.

**38.** Din il-Qorti pero` ma ssibx li dawn l-argumenti dwar l-iskritturi D sa T huwa rilevanti. Apparti l-fatt li minn dawn is-sbatax-il dokument hemm erba' biss li huma iffirmati (Dok E, F, H u T) ma jirriżultax li s-somma ta' Lm220,000 li wasal għaliha l-attur meta xehed quddiem il-Qorti (u li ffirma l-ewwel skrittura fir-rigward tagħha) jew għallinqas parti minn din is-somma, inħadmet proprju fuq dawn id-dokumenti. Di piu`, kif tajjeb fehmet l-ewwel Qorti, is-somma ta' Lm220,000 kif indikata fuq l-ewwel skrittura tat-2 ta' Lulju 2004 kienet transazzjoni fir-rigward tal-pendenzi kollha ta' bejn il-partijiet u mhux biss fir-rigward tal-ammonti mislufin.

**39.** Ukoll fl-istess nota ta' sottomissjonijiet tiegħu tal-10 ta' Novembru 2011 l-attur appellant (korrettement) jargumenta li anke f'skrittura ta' transazzjoni huwa permess li jista' jitqajjem l-element ta' użura, u jirreferi għal xi deċiżjonijiet tal-qrati tagħna f'dan il-kuntest. Ċertament li kieku din il-Qorti rriżultalha sodisfaċentement li din l-iskrittura ta' transazzjoni, ossija novazzjoni, kienet milquta bl-użura hija kien ikollha l-obbligazzjoni li tirriduċi l-ammont skont il-liġi. Iżda dan mhux il-każ. Wieħed irid iżomm f'rasu pero` li l-kreditu ta' Lm220,000 ma jirriżultax biss mill-ewwel skrittura tat-2 ta' Lulju 2004, dik li effettivament hija skrittura ta' transazzjoni. Ma jistax jiġi injorat il-fatt li kien l-istess attur appellant li dakinhar stess, fit-2 ta' Lulju 2004 fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati dwar ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kontrih, bil-ġurament tiegħu ikkonferma li skont il-kalkoli tiegħu huwa kien debitur tal-konvenut appellant fis-somma ta' Lm220,000. Għalhekk l-iskrittura ta' transazzjoni li saret bejn il-partijiet kienet effettivament tirrifletti l-ammont li skont l-istess attur appellant u konfermat bil-ġurament tiegħu huwa kellu jagħti lill-konvenut appellat għas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha li kellu kontrih.

**40.** Din il-Qorti wara li eżaminat l-atti hija wkoll tal-fehma li l-attur appellant ma rnexxilux jipprova li fl-ewwel skrittura tat-2 ta' Lulju 2004 (li permezz tagħha jidher li l-partijiet għamlu transazzjoni) kien hemm użura. Bħall-ewwel Qorti issibha diffiċli għall-aħħar biex temmen li l-ammont li huwa effettivament dovut mill-attur appellant lill-konjuġi Bonello huwa ta' Lm13,648.50[19] u li d-differenza tirrappreżenta użura jew ammonti mingħajr kawża. Hemm diskrepanza qawwija mhux ftit bejn Lm13,648 u Lm220,000. Anke persuna li ma tkunx għamlet il-kalkoli preċiżi tagħha dwar debitu li għandha favur ħaddieħor, (kif qed jallega l-attur appellant) għandu jkollha għallinqas idea ta' x'inhu bejn

[19] Skont in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu tat-30 ta' Ġunju 2008, l-attur appellant jgħid li għandu jagħti lill-konvenut appellat Lm125,422 rappreżentanti self, xiri ta' materjal għall-farmhouses, u pagamenti li saru lil terzi, u li minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu Lm111,773.50, rappreżentanti pagamenti li huwa għamel, u li għalhekk id-differenza bejn l-ammont reklamat mill-konvenut Bonello u Lm13,648.50 huwa fl-intier tiegħu użura jew ammonti mingħajr ebda kawża.

wieħed u ieħor l-ammont realment dovut. Ma hija assolutament kredibbli xejn li bniedem effettivament għandu jagħti Lm13,648 iżda jiddikjara bil-ġurament li għandu jagħti invece Lm220,000, u anke jiffirma skrittura f'dan is-sens. Din il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li l-ewwel Qorti (li kellha wkoll l-opportunita` tisma' *viva voce* l-partijiet) kienet korretta meta caħdet ir-raba' u l-ħames talbiet.

**41.** Għalhekk dan l-aggravju tal-attur appellant jirriżulta infondat.

**42.** L-attur appellant finalment jargumenta illi dawn il-proċeduri kienu meħtieġa biex huwa jiddefendi ruħu fil-proċeduri ta' falliment li l-konvenut appellat Bonello beda kontra tiegħu u għalhekk l-ispejjeż kollha għandhom jiġu sopportati mill-konvenut Bonello.

**43.** Kif issottometta l-istess konvenut appellant fir-risposta tal-appell tiegħu, din il-Qorti ma tara l-ebda rilevanza legali f'dan ir-raġjonament tal-attur appellant. Din il-kawża saret għaliex l-attur ippretenda li kellu jħallas inqas mill-ammonti indikat fuq l-iskritturi tat-2 ta' Lulju 2004. Fejn dehrilha li kellu raġun fir-rigward tas-sitt talba, il-Qorti tatu dan ir-raġun u konsegwentement ordnat li l-ispejjeż relatati mas-sitt talba u mar-raba' eċċezzjoni jiġu sopportati mill-konvenut appellat, iżda fir-rigward tat-talbiet l-oħra kienet korretta meta ordnat li dawn kellhom jiġu sopportati minnu.

**44.** Għalhekk l-ilment tal-attur appellant fir-rigward tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż ukoll jirriżulta infondat.
Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-appell tal-attur appellant u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-istess attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------